MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-13 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 159/2007

Il-Pulizija
(Spt. C. Abdilla)
vs
Adrian Fenech
Christopher Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli gewwa San Giljan, Malta f’dawn l-ahhar xhur,
1. naqsu li jobdu l-ordni moghtija lilhom mill-Pulizija ta’ liema ordni hawn annessa kopja bhala formanti parti mic-citazzjoni, u cioe’ sabiex inehhu l-periklu w jsewwu l-hsara li hemm gewwa l-fond bin-numru 125, Triq Lapsi, San Giljan, Malta, propjeta’ taghhom jew amministrata minnhom u b’hekk ma obdewx ordni legittima bi ksur ta’ l-

artikolu 25 tal-kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Pulizija, w ta’ l-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali;
2. b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti kkagunaw hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe’ propjeta’ ta’ Alexander Caruana u/jew persuni ohra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 t’April, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 328(d) tal-Kap. 9, kif ukoll l-Artikolu 32 (1)(2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 377 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni u kkundannathom ghal piena ta’ xahrejn (2) prigunerija w ordnat lill-appellanti biex inehhu l-inkonvenjenti kollha li jirrizultaw fil-fond de quo kagun tax-xoghol taghhom, fi zmien erba’ (4) xhur mil-lum.
Il-Qorti ma qiesitx li l-prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni taghha w minnha lliberat lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhom ipprezentat fl-20 t’April, 2007, li bih talbu lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha w tirrevokaha kwantu nstabu hatja tat-tieni mputazzjoni billi tiddikjarahom mhux hatja w tilliberahom minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, li jirrigwardaw biss is-sejbien ta' htija tat-tieni imputazzjoni - ghax mill-ewwel imputazzjoni gew liberati - fil-qosor, huma s-segwenti :- li d-delitt addebitat lil-appellanti jappartjeni fin-natura tieghu ghall-familja ta' delitti involontarji. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni trid tipprova dik il-kondotta volontarja bbazata f' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew nuqqas ta' tharis tar-Regolamenti. Irid ikun hemm il-prevedibilita' kif ukoll rabta bejn il-kondotta volontarja u l-akkadut. Il-prosekuzzjoni ma ppruvatx dawn l-elementi.

L-appellant Adrian Fenech hu l-proprjetarju tal-fond in kwistjoni w ma esegwixxa ebda xoghol fil-fond tieghu.

Ghalhekk hu qatt ma seta' ikkontribwixxa ghall-fatt dannuz. Il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tieghu. Anzi hu qabbad perit, professjonist in materja, qabbad kuntratturi li solitament jaghmlu dan ix-xoghol ta' twaqqiegh u skavar u ghamel l-applikazzjonijiet skond il-ligi lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex akkwista regolarment il-permessi kollha rikjesti qabel ma beda x-xogholijiet. It-twaqqiegh tal-post sar bl-idejn u dejjem mexa kif qalulu tal-MEPA u tal-Health and Safety Department u sahansitra sid il-post adjacenti kkonferma li dejjem sab ko-operazzjoni mill-appellant Fenech.

Kwantu ghar-responsabbilta' tal-appellant Christopher Muscat, hu qatt ma esegwixxa x-xogholijiet u mhux responsabbli ghall-allegat fatt dannuz rizultanti fi hsarat fil-fond adjacenti. Kull ma ghamel dan l-appellant kien li sahhah hajt fuq wara bi travu tal-konkos.

Illi l-provi ma jwasslux ghal sejbien ta' htija. l-artikoli 32 (1) (2) tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalihom ghamlet riferenza l-Ewwel Qorti, ma ghadhomx vigenti. Inoltre ghar-rigward tal-piena, il-proviso ta' l-artikolu 328 (d) ghandhom bzonn il-kwerela tal-parti offiza. Ma ngabitx prova tal-kwerela. F'kull kaz il-piena ta' prigunerija hija eccessiva partikoloarment meta l-artikolu kwotat cioe' 328 (d) jaghti lill-Qorti diskrezzjoni fejn tista' tinfliggi piena tal-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet mill-gdid ix-xhieda tal-prosekuzzjoni fl-udjenzi tal-14 u tat-18 ta' Gunju, 2007.

Ghamlet il-kostatazzjonijiet kollha mehtiega waqt l-access mizmum minnha stess fl-14 ta' Gunju, 2007;

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju, 2007, li bih Dr. Manwel Mallia, ghall-appellant, ddikjara li ghalkemm l-appellanti kienu qed jikkontestaw ir-responsabbilta' kriminali, fuq it-

tieni imputazzjoni, xorta wahda kienu lesti li jirrimedjaw il-hsara kollha li giet indikata waqt l-access.

Rat l-ordni taghha fl-istess udjenza biex , bi qbil tal-istess difiza, jigi esebit il-*"condition report*" li semma x-xhud Perit Cachia fix-xiehda tieghu, kif ukoll l-ordni biex jigi esebit il-ftehim bejn il-Perit Cachia w l-Perit Martin Debono , perit tal-konjugi Caruana.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2007;

Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr Mallia ghall-appellanti rega' tenna li seta' jsir appuntament dak in-nhar stess biex jibdew ix-xogholijiet u li, jekk iridu, l-parte civile kienu jinghataw akkomodazzjoni alternattiva sakemm isir ix-xoghol u dan a spejjez tal-appellant Fenech.

Rat li sat-30 t' Awwissu, 2007, ma giet prezentata ebda nota konguntiva dwar xi ftehim dwar it-tiswijiet, kif seta' jsir skond il-verbal tat-12 ta' Lulju, 2007;

Invece rat in-Nota tal-appellanti tas-6 ta' Settembru, 2007 li biha infurmaw lil din il-Qorti li minkejja li huma kitbu lill-parti civile fejn stiednuhom ghal darb' ohra biex ikunu jistghu jibdew ix-xogholijiet rimedjali (dok. A) kif ukoll li l-parte civile irrispondiet li trid li jigi nominat perit mill-Qorti Civili biex dan jissorvelja x-xogholijiet necessarji (Dok. B) w li ghalhekk skond l-appellant kienet il-parte civile li ma tridx li dawn it-tiswijiet irisu.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni tista tigi ri-assunta kif gej :-

**ALEXANDER CARUANA**, l-inkwilin tal-fond danneggjat, xehed li f' Mejju, 2006, kienu waqqghu il-post numru 127 li jmiss mad-dar fejn joqghod hu, bl-idejn. Meta gew biex iwaqqghu it-tarag gibduh bil-crane u lilu gibdulu l-appogg. Meta hu kien kellem lill-appellant Fenech, l-izviluppatur,

dan kien qallu : *"Jekk trid xi haga mur l-ghassa ghamel rapport."* Ix-xoghol tat-twaqqiegh kien sar minn certu Charlie tal-Madliena w dan kien telaq u ma kompliex. Kien dahal kuntrattur iehor warajh, certu Robert Micallef li ukoll ma kompliex. Sid il-post mikri lilu, s-Sur Mattei,ma agixxiex.

Meta kompla jixhed fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2007, Caruana kkonferma li l-hsarat li hu w martu kienu urew lill-Qorti waqt l-access ma kienux hemm minn qabel. Fil-fatt hu kellu rapport tal-perit tal-appellant Fenech li kien sar qabel ma bdew jaghmlu d-*demolition.* Kien umbaghad gie l-perit Chris Cachia li kkonferma bil-miktub il-hsarat li saru. Il-punt taghhom dak in-nhar ma kienx il-hsarat ta' gewwa imma li d-dar tieghu tkun ikkonsolidata u ma taqax. Hu ma kienx kontra l-izvilupp per se u l-appellant Fenech kien dahal ghandu ripetutament jghidlu x' kien behsiebu jaghmel. Kien ghamel biss ilment fuq id-drenagg komuni fil-gnien tieghu u fuq ir-*roof water drain pipe* li kien imur ghal gol-bir.

**JANE CARUANA**, mart ix-xhud precedenti, kkonfermat li l-hsarat li kienet indikat lill-Qorti waqt l-access kienu mija fil-mija rizultat tax-xoghol fil-fond adjacenti. Anki l-madum la kien maqsum u lanqas kien imxaqqaq qabel. Kienu qed jinfethu aktar konsenturi w kien qed jitkisser aktar madum.

**PS 887 STEPHEN MERCIECA** xehed li l-ewwel rapport li kien ha minnghand ix-xhud precedenti Jane Caruana fl-ghassa ta' San Giljan kien fil-11 t' Awwissu, 2006. Din kienet ilmentat li l-hajt kien ghadu ma inbeniex. Umbaghad hu kien kellem lill-bennej l-appellant Chris Muscat u dan kien qallu li kellu odni mill-imghallem tieghu, li jekk jibni l-hajt, kien ser jehel l-ispejjez hu biss. L-appellant Fenech kien gieghlu jkompli jahdem fuq is-sit. Hu kkonferma dak li hemm fl-okkorrenza. Meta hu kien kellem lil-appellant Fenech, dan kien qallu li kien hemm xi ftehim bejn il-familja Caruana quddiem il-periti rispettivi taghhom. Pero' ma kienx urieh xi karti.

Umbaghad kien rega' sarlu rapport fit-3 ta' Jannar, 2007, li kien ghadu ma tranga xejn. Sar rapport iehor fit-3 ta' Frar,

2007, u Caruana kien qallu li kienet cediet bicca ohra mill-parti tal-gnien li hu ghandu fuq wara tad-dar tieghu. Kellu rapport iehor fl-14 ta' Marzu 2007, u dan kien sar meta Caruana kien qed jispezzjona l-pedament u sab zewg cnagen maqlughin u flok dawn kienu tpoggew xi bicciet tal-gebel bhala feles. Kien hemm rapport iehor fl-24 t' April, 2007 u xi rapporti ohra li ma kienx involut fihom hu.

**IL-PERIT CHRIS CACHIA** xehed li hu kien il-perit tal-progett izda ma baqax minhabba impenn ta' studju fit-2 ta' Jannar, 2007, meta dahal perit iehor. Kien irrilaxxja certifikat datat 30 ta' Marzu, 2006 li gie esebit seduta stante. Hu kien ghamel il-pjanti u gab il-permessi w kollox sar skond il-permessi. Ma kienx l-appellant Muscat li skava. Muscat ghamel ir-rinforz tal-hajt (divizorju) bil-*bricks* u *concre*te waqt li hu kien ghadu l-perit. Dan kien sar skond ftehim mas-Sur Caruana li hu esebixxa. Ix-xoghol tahtu kien sar minn Charlie tal-Madliena w kien sar bl-idejn, pero' kien gie xi hadd iehor li hadem bl-ingenji zghar. Ipprometta li jesebixxi r-ritratti tal-impjant tal-iskavar li intuza. Hu kien jirriassigura lil Caruana fuq il-hsarat u di fatti sal-lum il-bini ghadu hemm. Pero' wara Caruana ma baqax idahhlu go daru. Jista' jkun li kien hemm parti mill-faccata li ntlaqtet bil-*crane* li kienet qed taqa' pero'. Sa fejn kien inkarigat hu d-distanza ta' zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju kienet qed tigi osservata. Fuq wara kienu nizlu erba filati u ghamlu *"net*". L-ghada in-*"net*" ma baqghetx hemm u waqghu xi knaten imma l-hamrija kienet ghadha f' postha sakemm kien ghadu l-perit hu.

**IL-PERIT JOHN ATTARD** xehed li hu kien dahal bhala perit tal-imputat Fenech f' Dicembru, 2006, flok il-Perit Chris Cachia. Kien mar fuq il-post w assuma c-*"change of architect".* Qabel Dicembru 2006, ma kienx responsabbli hu. Kien tkellem biex jara x' sar u ma sarx. It-twaqqiegh u l-e*xcavation* kienu lesti. Il-blokki tal-*concrete* fuq wara fil-gnien kienu saru fi zmienu. Wara li beda hu kien sar xi xoghol ta' skavar tal-*lift pit*. Is-Sinjuri Caruana kienu semmewlu xi hsarat zghar fuq gewwa tal-fond taghhom.

**VINCE GRECH**, *Senior Enforcement Officer* tal-MEPA xehed li kien sar xi rapport u d-Duty Officer kien infurmah fuq il-kaz fit-30 ta' Settembru, 2006. Hu kien mar fuq il-post u sab ix-xoghol ghaddej. Sab li kienu skavaw xi erba filati aktar milli kien awtorizzat l-applikant. Cempel lill-appellant Fenech u dan kien qallu li l-perit tieghu kien ghamel ittra lill-MEPA biex ikun jista' jhaffer izjed. Kien mar il-Perit Joe Bezzina li kkonferma li veru kien hemm din l-ittra w lilu dan kien qallu li x-xoghol seta' jitkompla. Huma kienu talbu aktar kjarifiki x' ser isir u ma jsirx u l-*minor amendment* kienet giet approvata fl-4 t' Ottubru, 2006.

**MARY PORTELLI**, *enforcement officer* mall-MEPA xehdet li kien dahal rapport fil-*weekend* darba minnhom u hi marret taghmel *inspection* fuq il-post in kwistjoni w nstab li kien sar thaffir xi erba piedi aktar milli kien gie approvat.

**NOEL CACHIA**, addett mal-Health & Safety Authority u nkarigat mis-*section* tal-*construction*, xehed li kellu diversi rapporti mill-konjugi Caruana u kien mar fuq il-post kemm il-darba. Kien kellem lill-periti Cachia u Attard u kienu hadu mizuri biex jghollu l-hajt. Il-perit kien qallu li kien ser jaghmel *remedial works* u beda jinfurmah x' mizuri qed jaghmel biex isahhah taht il-bini w jaghmel il-konkos. Sa fejn jaf hu dawn saru.

**JOHN MATTEI** , sid il-fond danneggjat, xehed li hu wiehed minn tmin sidien tal-fond. Kienu marru jaraw xi hsara saret u kienu ftehmu ma Caruana li kellu jsir xi xoghol. F' Dicembru, 2006, meta hu kien mar, il-hajt tal-gnien gdid kien diga' sar. L-appellant Fenech kien qal li dejjem kien preparat li jirranga l-hsara li kien hemm, imma qal li l-inkwilin Caruana ma kienx hallieh jidhol.

Ikkonsidrat;

Illi waqt l-access mizmum minn din il-Qorti gew konstatati diversi hsarat li skond il-konjugi Caruana huma rizultat tax-xogholijiet li saru fil-fond adjacenti, proprjeta' tal-appellant Fenech. Uhud minn dawn huma hsarat zghar li

pero' biex jigu rrangati xorta wahda jinhtiegu spejjez konsiderevoli, eg. il-madum li nqasam f' diversi postijiet. Ohrajn huma aktar serji bhal ma huma l-isfrundar tar-*retaining wall* tal-gnien fuq wara tal-fond bil-hamrija u sigar li kien hemm fuqha jixxivolaw gol-fondoq skavat fil-fond adjacenti kif ukoll il-gbid il-barra ta' parti mill-kantuniera tal-faccata tal-fond. Hemm ukoll diversi konsenturi li jindikaw certu ammont ta' dissestament tal-fond fejn jghixu l-konjugi Caruana w li, anki jekk mhumiex perikolanti, xorta wahda joholqu certu apprensjoni w biza' ta' perikolu eventwali.

**L-appellanti** ma ressqu ebda provi quddiem l-Ewwel Qorti u ergo ma setghux iressqu provi quddiem din il-Qorti u f', kull kaz, ma talbux biex ikunu jistghu jaghmlu dan.

Ikkonsidrat;

Illi fl-istat tal-provi fuq riassunt din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-hsarat indikati mill-konjugi Caruana waqt l-access u li huma kkonfermaw bil-gurament li sehhew bhala rizultat tax-xogholijiet intraprizi mil-appellant Fenech fil-fatt gew kagjonati bhala rizultat dirett u immedjat tax-xogholijiet ta' demolizzjoni, thaffir u qtugh ta' blat li sar fil-fond adjacenti. Dan hu konfermat mil-*"condition report"* rilaxxjat mill-ewwel perit tal-appellant Fenech, il-Perit Chris Cachia, fit-30 ta' Marzu, 2006, kif ukoll mic-certifikat tal-hsarat riskontrati mill-istess perit li jgib id-data tal-10 ta' Novembru, 2006 (Fols. 10 u 11 tal-process). Li qed jigi kontestat hu r-responsabbilta' kriminali o meno ghall-dawn il-hsarat ta' kull wiehed miz-zewg appellanti.

Jidher opportun li fl-ewwel lok jigi ezaminat il-kaz tal-**appellant Muscat**. Dan jidher li ndahal biex jaghmel xi xogholijiet wara zewg kuntratturi ohra u wara li kien twaqqa' l-fond adjacenti u sar xi skavar u thaffir fil-blat.

Di fatti l-istess Alexander Caruana xehed li :-

*"Ix-xoghol tat-twaqqiegh kien sar minn certu Charlie tal-Madliena w dan kien telaq u ma kompliex. Kien dahal*

*kuntrattur iehor warajh, certu Robert Micallef li ukoll ma kompliex."*

Umbaghad il-perit Chris Cachia xehed li ma kienx l-appellant Muscat li skava. Muscat ghamel ir-rinforz tal-hajt (divizorju) bil-*bricks* u *concre*te waqt li hu kien ghadu l-perit. Dan kien sar skond ftehim mas-Sur Caruana li esebixxa. Ix-xoghol tahtu kien sar minn Charlie tal-Madliena w kien sar bl-idejn, pero' kien gie xi hadd iehor li hadem bl-ingenji zghar.

Meta s-Surgent Mercieca, wara r-rapport li kien sarlu fil-11 t' Awwissu, 2006, kien kellem lill-bennej l-appellant Chris Muscat, dan kien qallu li kellu ordni mill-imghallem tieghu, li jekk jibni l-hajt, kien ser jehel l-ispejjez hu biss u li l-appellant Fenech kien gieghlu jkompli jahdem fuq is-sit.

Provi ohra ta' xi intervent dannuz li seta' sar mill-appellant Muscat ma hemmx u kollox jindika li t-twaqqiegh w t-thaffir tal-blat sar minn kuntrattur jew kuntratturi precedenti w, jekk stess ghamel xi haga Muscat, dan kien li seta' qieghed il-blokki tal-concrete fuq wara tal-fond, fejn sfronda l-gnien, biex jikkontjeni d-dissestament li kien gja sehh u biex fuq din il-bazi jew pedament eventwalment jittella' mill-gdid il-hajt divizorju li kien jifred il-gnien tal-fond mikri lil Caruana mill-fond fejn saru x-xogholijiet inkriminati.

F' dan l-istat tal-provi ma jirrizulta pruvat bl-ebda mod xi ness ta' kawzalita' bejn xi xoghol li lahaq ghamel l-appellant Muscat u d-danni varji li gew riskontrati fil-fond adjacenti. Hu ferm stramb kif il-Pulizija agixxiet biss fil-konfront ta' dan il-kuntrattur u ma harrkitx ukoll/jew biss liz-zewg kuntratturi precedenti li hadmu fuq is-sit u li aktarx li kien l-operat taghhom li fizikament u materjalment ikkaguna jew ta bidu ghad-danni riskontrati w lill-perit li kien qed jissorvelja x-xogholijiet.

Ghalhekk l-appell tal-appellant Christopher Muscat jidher altru milli fondat ghaliex ma giex pruvat li hu kien b' xi mod ikkaguna d-danni in kwistjoni.

Ikkonsidrat;

Illi pero' mhux l-istess japplika ghall-kaz tal-appellant l-iehor, l-izviluppatur Adrian Fenech. Ma hemmx dubju li kien hu li kkommetta ix-xoghol lid-diversi kuntratturi li pprecedew lil-appellant Muscat fuq is-sit u li x-xogholijiet kollha saru fuq ordni w inkariku tieghu. Dan l-appellant pero' (fil-waqt li jghid u jiddikjara ripetutament tramite d-difensuri tieghu li hu lest li jaghmel tajjeb ghad-danni w li jesegwixxi r-riparazzjonijiet necessarji) jikkontendi li ghax hu qabbad perit (anzi periti) u kuntrattur (anzi kuntratturi) kompetenti hu ma jista' jkollu ebda responsabbilta' kriminali ghall-akkadut. Jghid ukoll li ma giex pruvat li hu kiser xi regolament jew mar kontra l-permessi li kellu fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet intraprizi. Ghalhekk ma jistax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

Ibda biex, mhux korrett l-appellant Fenech meta jghid li mexa skond il-permessi li kellu mill-MEPA. Anzi rrizulta proprju l-kuntrarju mix-xiehda ta' Vince Grech u Mary Portelli, impjegati tal-istess MEPA, li l-appellant kien skava xi erba piedi aktar milli kellu permess. Hu minnu li wara - kif jidher li saret il-prassi f' dawn il-kazijiet - il-MEPA tissanzjona jew tapprova dawn l-eccessi w abbuzi bhala *"minor amendments"* , pero' zgur li l-effett ta' thaffir ta' daqstant blat bl-ingnji li qed jintuzaw fil-prezent, li joholqu vibrazzjoni kbira fid-dintorni, l-entita' tal-hsarat fil-fond adjacenti kompliet kibret u mhux naqset. Ghalhekk l-iskavar zejjed li sar fuq ordni tal-appellant zgur li kkontribwixxa ghall-hsarat in kwistjoni.

Ma jirrizultax li dan l-iskavar zejjed sar ad insaputa tal-appellant Fenech jew kontra l-volonta' espressa jew implicita tieghu. Anzi, ghal kuntrarju, meta Vince Grech kien cempel lill-appellant Fenech, dan kien qallu li l-perit tieghu kien ghamel ittra lill-MEPA biex ikun jista' jhaffer izjed. Fil-fatt baqa', baqa' sakemm ra kif ghamel u lleggittima dan l-abbuz tieghu li gie approvat mill-MEPA bhala "*minor amendment".* Imma sadattant il-hsara fil-proprjeta' ta' terzi lahqet saret.

Illi mbaghad l-appellant Fenech donnu jissottometti li l-hsara li saret ma kienetx prevedibbli. Issa hu kien jaf jew imissu kien jaf li meta twaqqa' fond li jkun appoggjat u ngaljat ma' fond iehor, wiehed irid jimxi bi prudenza liema bhala w jrid jiehu dawk il-mizuri kollha preventivi biex jevita li jakkaguna hsarat jew jimminimizzhom kemm jista' jkun. L-istess meta wiehed jiddeciedi li jiskava magemb fond mibni ezistenti jrid jiehu dawk il-mizuri biex ma jwaqqax il-fond adjacenti jew xi parti minnu fuqu. Bhala zviluppatur li kommetta dawn ix-xogholijiet, l-appellant ma jistax jahrab mir-responsabbilta' kriminali billi jghid li hu qabbad perit u kuntrattur kompetenti.

Hu risaput li fl-industrija edilizja dak li jsir ma jiddependix biss mill-volonta' tal-perit u/jew tal-kuntrattur imma ikun hemm id-decizjoni tas-sid li tiddetermina hafna jekk mhux kull ma jaghmlu l-periti u l-kuntratturi. F' dan il-kaz per ezempju t-thaffir zejjed u in eccess ghall-permess jirrizulta li sar bil-kompjacenza w ghas-sodisfazzjon tal-izviluppatur u mhux b' xi zball jew zelu zejjed biex ihaffru aktar da parti tal-perit u l-kuntratturi. Ma rrizultax li l-appellant kien intima gudizzjarjament lill-perit jew lill-kuntrattur dwar dan l-eccess u ordnalhom jieqfu jew zammhom responsabbli ghad-danni li hu seta' jsofri. Ghal kuntrarju, meta sarlu rapport u inkixef li kien haffer izjed milli suppost, ra kif ghamel biex qabbad lill-perit tieghu halli jissanzjona l-abbuz mall-MEPA.

Lanqas ma rrizulta li meta ntuza l-*heavy plant and machinery* ghall-iskavar (li jidhru fir-ritratti esebiti mill-perit tal-appellant Fenech , Chris Cachia - Dok A 1 u 2 u Dok B 3 u 4) li hu zamm lill-kuntrattur milli juza dan l-impjant. Lanqas ma rrizulta li meta *crane* ta' wiehed mill-kunttratturi gibed bicca mill-faccata tad-dar fejn jghixu l-konjugi Caruana, huwa ha xi passi legali jew mhumiex kontra min materjalment ikkaguna din il-hsara. Ghalih kollox kien jghaddi purche' li x-xoghlijiet jimxu. Anzi meta darba minnhom Alexander Caruana kellem lill-appellant Fenech dwar il-hsarat li graw meta gew biex iwaqqghu it-tarag u gibduh bil-crane u lilu gibdulu l-appogg, l-appellant Fenech kien qallu : ***"Jekk trid xi haga, mur l-ghassa ghamel rapport."***

Ikkonsidrat;

Illi fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, meta jigu intraprizi xoghlijiet ta' kostruzzjoni u bhala rizultat ta' dawn jissuciedu incidenti li jikkagunaw danni materjali jew addirittura offizi fuq il-persuna, u dan ikun jidher li gara minnhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew addiritura minnhabba nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, r-responsabblta' kriminali testendi mhux biss ghall-haddiema w kuntratturi li jkunu qed jesegwixxu x-xogholijiet jew periti li jkunu qed jissorveljaw l-istess xogholijiet imma addirittura ghanda testendi wkoll ghas-sidien jew zviluppaturi li jkunu ordnaw u ikkommettew l-istess xogholijiet lil dawn il-persuni, dment li ma jirrizultax li dak li jkun sar, ikun sar b'abbuz mill-istess haddiema, kuntratturi jew periti w kontra l-volonta' espressa jew implicita' tal-izvluppatur jew sid li jkun ordna l-istess xogholijiet u ad insaputa tieghu. Jinkombi ukoll fuq l-izviluppatur li jipprevedi w jipprevjeni kull perikolu prevedibbli meta hu jordna xogholijiet u jekk ma jaghmilx dan, ikun passibbli ghar-responsabbilta' kriminali marbuta ma kull event dannuz.

Ghalhekk taht kull aspett l-aggravji tal-appellant Fenech dwar ir-responsabbilta' kriminali huma infondati w qed jigu respinti.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravju li l-Ewwel Qorti ghamlet riferenza ghall-artikolu 32 (1) u (2) tal-Kap.10 meta dawn jidhru li m'ghadhomx vigenti, din il-Qorti tosserva li l-imsemmi artikolu ma ghandux (u ma jidhirx li qatt kellu) zewg sub-artikoli (1) u (2). L-art. 32 jittratta r-reat ta' min ma jhallix irpar waqt xoghol ta' tiswija jew bini biex jifred it-triq mill-bini li fih ikunu ser isiru x-xogholijiet u ma jhallix wisa' bizzejjed ghall-moghdija tal-pubbliku. F' kull kaz pero' dan ir-reat ma gie bl-ebda mod ipotizzat kontra l-appellanti w huma ma gewx misjuba hatja tahtu imma taht l-artikolu 328 (d) tal-Kodici Kriminali fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Inoltre jigi osservat li fil-waqt li fit-traskrizzjoni tas-sentenza gie indikat ovvjament bi zball l-art. 32 (1) u (2) tal-Kap. 10, fl-original tas-sentenza miktuba di proprio pugno mill-Magistrat, l-artikolu gie indikat korrettement bhala 321(1) (2). Illi f' dan il-kaz la jezisti l-original tas-sentenza fil-process, dan ghandu jipprevali. Ghalhekk ma hemm ebda nullita' fis-sentenza appellata u l-artikolu 321 (1) (2) tal-Kap.10 huwa rilevanti u fuqu hija bazata l-ordni tal-Ewwel Qorti biex l-appellanti jnehhu l-inkonvenjent. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena, dan hu wiehed duplici. L-ewwel aggravju proprjament ma jolqotx il-piena izda r-ritwalita' tal-procediment, ghaliex skond l-appellanti, ma jidhirx li ngabet xi prova tal-kwerela. Dan l-aggravju hu manifestament infondat, ghaliex jirrizulta ampjament li l-Pulizija agixxiet fuq rapporti w ilmenti ripetuti tal-konjugi Caruana.

Inoltre, anki kieku ma saritx il-kwerela bil-miktub, hemm raguni ohra li tinnewtralizza din l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-kwerela w din tohrog mid-dispozizzjoni tal-proviso ghall-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali. Dan il-proviso jghid li :-

*"Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela ta' l-offiz, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali, u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa fil-kaz in ezami, l-konjugi Caruana mhux talli ma rrinunzjawx ghall-azzjoni kriminali imma addirittura insistew li jittiehdu passi kontra l-appellant ripetutament b' rapporti diversi fl-ghassa tal-Pulizija tad-distrett, mall-ufficjali tal-MEPA u mall-Awtorita' dwar is-Sahha w

Sigurta'. Ghalhekk dan l-aggravju hu infondat u qed jigi respint.

Illi t-tieni aggravju dwar il-piena hu li din hija eccessiva fic-cirkostanzi. Illi din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubbլika ta' Malta vs. David Vella**" [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.).  F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi ghax l-appellant Fenech seta' addirittura gie sentenzjat ghall-piena massima ta' tlitt xhur prigunerija.

Mill-banda l-ohra pero' mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li dan l-appellant hu incensurat u li ddikjara ripetutament li hu lest li jaghmel tajjeb ghad-danni kollha li saru fil-fond mikri lill-konjugi Caruana.  Jidher ukoll li l-parte civile qed tkarkar saqajha biex taccetta l-offerti ripetuti tal-appellant Fenech biex ix-xogholijiet ta' tiswija w konsolidament jibdew bla dewmien .

Fuq kollox, l-istess Avukat Prosekutur, Dr. Arthur Azzopardi, ddikjara fil-kors tat-trattazzjoni orali li f' kaz li din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-htija taht it-tieni imputazzjoni, l-Prosekuzzjoni kienet thoss li l-piena ta' prigunerija ma hix idonea fic-cirkostanzi

Din il-Qorti rriflettiet fit-tul dwar dan il-kaz  u tqis li fid-dawl tal-incidenza kull ma tmur tikber ta' incidenti li qed jissucciedu bi hsara ta' terzi, minhabba xogholijiet ta' twaqqiegh u thaffir ta' blat u skavar fi proprjetajiet adjacenti, incidenti li - fortunatament mhux f' dan il-kaz - qed iwasslu anki ghal fatalitajiet, hemm bzonn li l-ligi kriminali tigi imposta fir-riguri taghha biex dan ikun ta' deterrent qawwi ghall-zviluppaturi, periti w  kuntratturi jew bennejja li ma jiehdux il-prekawzjonijiet kollha possibbli w immaginabbli biex  jiskansaw hsarat simili li jkunu altru milli prevedibbli.

Pero' fic-cirkostanzi jidher li jkun fl-interess ta' kullhadd - u partikolarment tal-parti leza l-konjugi Caruana - li l-appellant Fenech ikun fi grad li jeffettwa x-xogholijiet rimedjali kollha li huwa stess impenja ruhu li jaghmel, bla aktar dewmien u ghalhekk ser tiddeciedi li s-sentenza ta' xaharejn prigunerija erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant Fenech tigi konfermata, pero' tigi sospiza ghall-erba snin u fl-istess hin il-Qorti ser taghti direttiva taht l-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali biex l-istess appellant Fenech, jeffettwa, a spejjez tieghu, r-restituzzjoni "*in integro*" tal-fond 125, Triq Lapsi, San Giljan, billi jirripara l-hsarat kollha li jinsabu elenkati fil-verbal tal-access, li qed jigi anness ma din is-sentenza w ghandu jifforma parti integrali minnha, u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum, u dan taht id-direzzjoni w ghas-sodisfazzjon tal-perit Valerio Schembri, li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghall-dan l-iskop .

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddisponi mill-appell taz-zewg appellanti kif gej :-

Tilqa' l-appell tal-appellant Christopher Muscat u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni w minnflok minnha tilliberah u tikkonfermaha fejn illiberat lill-istess appellant mill-ewwel imputazzjoni, b' mod li dan l-appellant jigi liberat minn kull imputazzjoni w piena w ordni biex inehhi l-inkonvenjent.

Tilqa' l-appell tal-appellant Adrian Fenech limitatament billi fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitux hati tal-ewwel imputazzjoni w in kwantu sabitu hati tat-tieni imputazzjoni kif ukoll in kwantu ikkundannatu ghal xaharejn prigunerija, pero' tirriformaha billi tordna li l-istess sentenza ta' prigunerija m'ghandhiex tibda' ssehh hlief jekk tul il-periodu ta' erba snin mill-lum l-appellant jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija a tenur tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

Inoltre, tirrevokaha fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 321(1) (2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 377 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat liz-zewg appellanti biex inehhu l-inkonvenjenti kollha li jirrizultaw fil-

fond de quo kagun tax-xoghol taghhom fi zmien erba (4) xhur u minnflok ,a tenur tal-artikolu 28H tal-istess Kodici Krminali, qed taghti lill-istess appellant Fenech wahdu, direttiva biex jeffettwa, a spejjez tieghu, ir-restituzzjoni "*in integro"* tal-fond 125, Triq Lapsi, San Giljan, billi jirripara l-hsarat kollha li jinsabu elenkati fil-verbal tal-access, li qed jigi anness ma din is-sentenza w li ghandu jifforma parti integrali minnha, u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum, u dan taht id-direzzjoni w ghas-sodisfazzjon tal-perit Valerio Schembri, li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghall-dan l-iskop .

U, f' kaz li l-appellant Fenech, ghal xi raguni kwalsiasi, jonqos milli jikkonforma ruhu ma din id-direttiva, din il-Qorti qed tirrizerva minn issa stess, li, wara li jsirilha rikors mahluf mill-parti leza Alexander u Jane konjugi Caruana jew xi wiehed jew wahda minnhom sa zmien tlitt xhur mit-tmien tal-periodu ta' sitt xhur fuq imsemmi, u wara li tisma' lill-partijiet, skond il-ligi, jekk tkun sodisfatta li l-appellant Fenech naqas li jikkonforma ruhu pjenament ma din id-direttiva taghha, tordna li s-sentenza ta' xaharejn prigunerija sospiza ghandha tibda' ssehh. Dana kollu purche' ma jirrizultalhiex li l-parti leza tkun b' xi mod fixklet l-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet.

Il-Qorti qed tispjega lill-appellant Fenech bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-artikoli 28A, 28B u 28H tal-Kodici Kriminali, jekk huwa jikkommetti xi reat iehor soggett ghall-piena ta' prigunerija fi zmien erba snin mill-lum u/jew jekk jonqos li jikkonforma ruhu ma din id-direttiva.

Fl-ahharnett il-Qorti qed tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghal-obbligi tieghu skond l-art. 28A (8) tal-Kodici Kriminali.

************

**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A., LL.D.**

Il-Pulizija
(Spt. Clo. Abdilla)

Vs

Adrian Fenech
Christopher Muscat

Illum il-Hamis 14 ta’ Gunju, 2007

Access mizmum illum fis-1.00 p.m. 14 ta’ Gunju, 2007 fil-fond 125, Lapsi Street, St. Julian’s.

Il-Qorti fil-presenza tal-akkuzati u d-difensuri taghhom u l-ufficjal prosekutur accediet f’dan il-fond u rat de viso l-hsarat li qed jigu indikati lilha mill-inkwilin is-sur Caruana.

Rat ukoll il-genb u l-hajt tal-appogg tal-istess fond li affacca fuq is-sit in kostruzzjoni in meritu fejn jidhru li sar skavat u inkixef il-hajt divizorju fl-gholi ta’ erba’ sulari.

Il-Qorti innotat ukoll illi bejn il-hajt tal-gnien u s-sit “under construction” hemm blokki tal-konkos illi qeghdin piu’ o meno fejn kienet il-linja divizorja bejn iz-zewg propritajiet. Fil-kamra tal-ikel, ossia kcina, fil-pjan terren gew indikati xi konsenturi hfief fil-kantunieri man-naha tal-appogg, xi xquq irqaq fejn ix-xorok imissu mat-travu l-aktar vicin il-hajt tal-appogg kif ukoll xi xquq fil-madum li parti minnu hija tidher irqiqa w parti minnu tidher iktar markata. Daka fil-kamra issa gew indikati ukoll li fil-gnien retrostante ghall-imsemmi fond hemm differenza fil-livell mill-hamrija li tibda qisu minn xi tmin piedi l-gewwa mill-hajt divizorju.

Din id-differenza fil-livell hija ta’ bejn zewg piedi w tlett piedi, circa metru, u ghalkemm hemm il-pjanti fuq il-parti l-aktar baxxa, gie nnotat li hemm disterdat fl-inhawi kollha li jigu bejn il-hajt divizorju u fejn jibda id-dizlivell mal-hamrija ezistenti.

Intalab lill-Qorti tosserva xi “hair line crack” li hemm fuq l-arkata fl-entrata, fejn l-ambjent tal-entrata frontali hu t-tromba tat-tarag.

Il-Qorti pero’ qed tistenta taraha w ghalkemm tindovna fejn tista’ tkun bil-hniena qed taraha li ukoll tigi mal-hajt tal-appogg, tidher konsentura friska fil-kisi ta’ bejn ix-xorok u l-eqreb travu tal-hadid li hemm man-naha tal-appogg kif ukoll konsentura li tigi fuq il-blata tat-tieqa li taghti ghal fuq it-triq kif ukoll vicin il-blata li tisseppara l-apertura li hemm bejn is-sala w il-kcina li ssemmiet qabel. Hemm ukoll xi xquq fil-kantuniera tan-naha ta’ gewwa tal-hajt divizorju li jifred il-kamra tas-sala mill-kamra tal-kcina. Dawn qeghdin proprju fl-angolatura bejn iz-zewg hitan minn fuq s’isfel. Hemm ukoll xaqq fil-madum twil xi zewg terzi ta’ metru ma genb il-hajt divizorju wara s-sufan. Hemm xi madum illi qed jinfetah kif tkun diehel mill-entrata ghas-sala. Gie elevat ukoll li f’nofs l-entrata hemm xaqq bejn il-madum kwazi ghal nofs l-istess entrata li huwa fit-tul. Indikat lill-Qorti “hair line cracks” fuq it-tarag tal-mosaic li jaghti mill-pjan terren ghall-basement fuq diversi targiet differenti.

Il-Qorti accediet fil-basement tal-imsemmi fond fejn gew innotati xi “hair line cracks” fl-arkata li hemm fil-basement li tifred il-kamra ta’ quddiem mill-kamra ta’ wara w dawn qeghdin fil-gnub tal-arkata fl-gholi. Hemm ukoll qtugh bejn il-kisi tal-hajt u l-isgoxx tal-madum fuq in-naha ta’ wara tal-kamra interna tal-basement fejn tigi mal-appogg kif ukoll fil-kantuniera tal-hajt divizorju mal-hajt li jaghti ghal fuq il-gnien dejjem fil-livell tal-basement hemm konsentura w qtugh fit-tibjied jew zebgha ma genb il-hajt tal-arkata. Man-naha l-ohra tal-arkata ukoll hemm sinjali ta’ konsenturi irqaq simili ghal dawk li gja gew deskritti fuq in-naha l-ohra tal-istess arkata kif ukoll illi t-toilet ghandu

xaqq fil-bazi tieghu. Gew indikati wkoll “hair line cracks” fuq it-tiles tal-kamra tal-banju fil-basement.

Gie indikat il-post fejn kien hemm tarag li issa m’ghadux jezisti li kien jaghti ghall-bieb ta’ wara tal-basement tal-kamra gja deskritta, w l-Qorti regghet rat mill-vicin id-depression li hemm u d-differenza fil-livell tal-hamrija fejn il-hamrija waqghet bhala rizultat tal-iskavazzjoni li kienet saret ma genb il-hajt divizorju.

Giet indikata wkoll il-katusa tal-ilma tal-bejt li hija mkissra minn diversi postijiet u ghal xi sular u nofs, anzi ghal zewg sulari hija inezistenti.

Issemmiet ukoll hsara fil-katusi fil-komunikazzjoni tad-dranagg u t-toilet tal-basement, u l-Qorti rat is-serpentina miftuha.

Gie indikat ukoll qtugh bejn il-hajt ta’ barra tal-basement u l-“floor level” tal-concrete li hemm fil-bitha.

Hemm konsenturi minn barra fuq in-naha tal-gnien li hemm kemm fil-basement kif ukoll fil-hajt.

Mill-pjan terren ghal first floor gew indikati konsenturi fil-kantuniera tat-tarag tal-mosaic.

It-tieqa li hemm fl-indana tat-tarag tinghalaq b’diffikolta’.
Fil-kamra tal-banju li hemm fil-first floor giet indikata konsentura xi pied l-isfel mis-saqaf fil-kantuniera tal-hajt li jaghti ghal fuq il-gnien ta’ wara fl-iktar parti remota minn fejn sar l-izvilupp.

Gie indikat xaqq fit-tile tal-art taht garigor li hemm fil-kamra tal-banju fl-ewwel sular ukoll xquq ohra vicin il-bieb tal-istess kamra tal-banju.

Fil-kamra tas-sodda giet indikata xaqq fil-kantuniera bejn il-hajt divizorju u l-hajt li jaghti ghal fuq il-gnien minn fuq s’isfel tal-gonta bejn iz-zewg hitan, mal-gonta tal-kantuniera bejn il-hajt divizorju u l-hajt intern dejjem fuq l-istess naha ta’ fejn sar ix-xoghol. Ghalkemm jidher li hu

irripazzat bil-polyfiller, dan ix-xaqq jidher li huwa miftuh fil-prezent. Ukoll hemm konsentura fil-kantuniera tas-saqaf fuq in-naha tal-gnien l-aktar vicin il-hajt divizorju, dejjem fl-istess kamra tas-sodda.

Fil-kamra tas-sodda li taghti ghal fuq it-triq principali gew innotati konsenturi mmarkati kemm fil-hajt divizorju fl-gholi vicin il-kantuniera bejn din il-kamra tas-sodda l-ohra w l-kamra tas-sodda precedenti li ghada kif issemmiet waqt l-access.

Hemm ukoll konsenturi fejn il-hajt tad-divizorju iggannat mal-hajt intern mis-saqaf l-isfel. Hemm indikata konsentura fis-saqaf vicin il-hajt intern ghan-nofs il-kamra. Hemm konsentura wkoll fuq il-hajt tal-arkata jew tal-blata li jaghti ghall-gallarija vicin il-hajt divizorju in kwistjoni. Hemm ukoll sinjali ta’ hsara fil-gonta bejn is-saqaf tal-injam tal-gallarija w l-blata attribwibbli ghal xoghol meta l-haddiema telghu fuq skip biex jaghmlu l-plastik minn barra l-gallarija.

Hemm konsentura ohra fuq il-hajt oppost tal-istess kamra fl-gholi tan-naha ta’ hajt intern li jifred il-kamra frontali minn kamra ohra dejjem fil-first floor.

Gie indikat ukoll dizlivell fil-madum, dejjem fil-kamra tas-sodda principali, u xi maduma l’hawn u l’hemm li ticcaqlaq.

Fuq il-bejt gew indikati postijiet minn fejn dahal l-ilma li llum jidhru imhallbin u allura x-xaqq ma tantx huwa evidenti. Minn fuq il-bejt gie innotat li fuq in-naha ta’ barra tal-hajt divizorju hemm kostruzzjoni recenti ta’ bricks illi qed jigi allegat li saret bi ftehiem mas-sid u anki bil-kunsens bil-miktub tal-inkwilin u dana x’aktarx bil-ghan li jigi rinforzat il-hajt divizorju fuq in-naha ta’ barra.

Hemm konsenturi fil-hajt tat-tromba tal-garigor fuq barra kif ukoll minn gewwa.

Hemm konsenturi ohra fit-tromba fit-tarag tal-garigor.

L-access inghalaq fis-1.40 p.m.

Il-kawza differita ghal nhar it-Tnejn 18 ta' Gunju, 2007 fid-9.00 a.m.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------